# KUNSILLLOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## Għaxar (10) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Ħamsa (5)

## It-Tnejn 23 ta' Settembru 2024

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-6:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Rebecca Vella | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Riżoluzzjoni tal-Minuti**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**5.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Jean Paul Portelli il-Kunsillier kien imsiefer.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILLLOKALI NADUR**

**5.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda ta' Pagamenti;**

Il-Minuti tal-erba' (4) laqgħa tat -Tnejn 19 ta' Awissu 2024 ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bhala dokumenti uffiċjlali. Dawn kienu ntbgħatu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. L-iskeda tal-pagamenti numru erbgħa (4) ġiet approvata u ffirmata wkoll. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent - Rebecca Vella u Sekondant – Eucharist Camilleri. Kien hemm qbil unanimu dwar l-iskeda u kontijiet kollha mressqa anke dawk tal-aħħar ġurnata.

Is-Sindku ta update lil kunsilliera fuq is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

Jonqos jidħol 10k tal-wirja agrarja.

**5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;**

Pendenti minn dak mitlub:

- Sindku :- Dawl fi Triq tad-Duru (dan irid isir dawl fil-belvedere), Jitranġa bidu ta' sqaq fi Triq ir-Ramla, Sement ma' bankini fi Triq it-Torri Sopu, Tiswija ta' xi partijiet mill-bankini fi Triq it-Tramuntana ħdejn l-iskola, Titranga parti minn rampa fi Triq Bingemma, Issir bankina quddiem il-garage fi Triq Dun Guzepp Vella, Jitranga bridge li jagħti fl-għelieqi ta' San Blas, Niktbu lil Ministeru dwar Triq l-Emigranti, Jitranga ħajt tas-sejjieħ fi Triq tad-Duru, Rampa biex titranga fi Triq San Gakbu, Titranga Bankina fi Triq iz-Zernieq, Patching fi Triq Wied ir-Riħan u ta' Xurdin.

- Viċi Sindku :- Niktbu rigward is-servizz tad-drenaġġ fi Triq il-Qortin, Dawl bus stop fi triq ir-Rabat, Speed limits fi Triq tad-Duru u Dog Bin fi Triq Lazzru Pisani.

- Avv.Rebecca Vella :- Ma kien hemm xejn pendenti.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILLLOKALI NADUR**

- Eucharist Camilleri :- Ħitan fi Triq il-Qala, Sinjali fi Triq San Koronatqu u niktbu rigward il-bankini fil-Housing Estate tal-Ħali.

- Jean Paul Portelli :- Rampa f'Wied Bingemma.

Updates mill-Kunsilliera:

Sindku:

- Gew approvati minn MGP tal-Halloween (3K).
- Approvazzjoni ta' skema Clean Up DLG (1.5K) u skema Playing Field Hali (38K).
- Bdejna sistema ġdida ta' indafa biz-zoni u għadna naraw kif sejrin.
- Xogħol ma' diversi kunsilliera fuq diversi talbiet u inizzjattivi.
- Meeting ma' MGP – fl-14 ta' Ottubru.
- Meeting ma' Ministeru Saħħa – Għadna bla risposta.
- Ħidma fuq diversi kontijiet ta' proġetti u ċertifikazzjoni.
- Komplejna naħdmu fuq diversi youth exchanges.
- Installajna CCTV garage u qed naħdmu fuq li jmiss.
- Beda d-Day Centre u ġew pjanati Ħargiet Anzjani.
- Saret *Clean up* ma' Nursery u ser isiru oħrajn fix-xhur li ġejjin.
- Xogħol kbir ta' manutenzjoni fil-Ġnien ta' Kenuna.
- Għalaqna il-grupp ta' Baveno wara li kellna minn ħassar.
- Pressjoni dwar l-issue tal-ID Cards f'Għawdex.
- *Water be the Change* –Kien hemm qbil li isir first come first served

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILLLOKALI NADUR**

Kevin Curmi:

EU Funds – GAGF – Rejuvination -applikata

EU Funds – Twinning – ġiet applikata.

Nagħmlu follow up tas-siġar ta’ Triq it-Tiġrija mal-Gvern.

Toroq - Il-Viċi Sindku għamel suġġeriment biex il-Kunsill jitlob lid-Dipartiment tal-artijiet biex ikellmu r-residenti ta’ ċertu toroq biex isir expropriation mill-gvern fejn jaqbzu l-barra. Issemmew diversi toroq. Hu għamel suġġerimenti biex il-Kunsill iqabbad Nutar jindentifika liema toroq hemm bzonn biex ikun hemm toroq aktar *flowing* għat-traffiku. Il-Kunsillier Eucharist Camilleri esprima t-tħassib tiegħu fejn jidħlu spejjes lil Kunsill b’riċerki u nutara. Il-Kunsilliera Avv. Rebecca Vella u Euchairst Camillieri innotaw ukoll li residenti iridu jkunu qabel infurmati b’dan kollu. Ma ittiehdet l-ebda deċizjoni fuqha mill-Kunsilliera prezenti.

Rebecca Vella:

Avv. Rebecca Vella ser titkellem hi minħabba laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa minħabba l-kwistjoni tal- Berga u nistennew gimgħa peress li irħula oħra saritilhom laqgħa u kompliet tgħid li aħna m’għandna xejn inqas minnhom.

10k – Il-Kunsill għandu bzonn risposta mingħand Gozo Sports Board jekk ser jgħinu fit-trophies jew le. Ser terġgħa tinbgħat e mail oħra fuq din.

Librerija- Donation ta’ ktieb ġdid.

First aid u fire extinguisher fil-librerija-Ser tixtri s-Segretarju Ezekuttiv.

Opening Event- 40 ktieb ta’ Natalie u iffirmar tiegħu. Ser ikun hemm entertainment ta’ buzzy kids.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Reading sessions fil-librerija li jaqraw anzjani  lit tfal fil-library matul sena. Kien hemm qbil.

School granies kuntratt ġie iffirmat u sar l-interview mal-persuna. Huma ha jibdew fil-25 u Rebecca ser tkun hemm ukoll.

Ħarġa tat-tfal- Iċ-cinema ibbukjat u ġie diskuss fejn ser joħduhom vista Kulturali. Wara diskussjoni fit-tul ġie deċiz li jmorru il-Muzew Maritmu fid-Dwejra u Interpretation Centre u dawra bit-train.

Triq Ħanaq- Proposal Traffic lights sensors fil-ħin tal-bus. Kien hemm diskussjoni fit-tul. Is-Sindku innota li dawn huma responsabbilita' ta' Awtorita' oħra u hu kontra li nidħlu bhala Kunsill fuq xogħol ta' Awtorita' oħra.  Avv. Rebecca issuġġeriet  biex TM jiġi jara fuq il-post mal-Perit tagħhom u jaraw huma fejn u kif jistgħu isiru. Ha tibgħat hi lil TM jaraw fuqha huma.

Triq tad-Duru- Kien hemm qbil li tintbgħat e mail  lil MGP biex titranga t-triq minn naħa tagħhom fejn saret il-binja l-kbira l-ġdida.

Skemi tat-Traffiku

Korsijiet għal l-anzjani u tfal. Ġie diskuss fit-tul biex isir Partnership ma' l-iskola biex naħdmu fuq awareness u jiġu TM jgħallmu tfal fuq safer cyling ġo l-iskola. Isir kors ieħor road safety għall-anzjani waqt id-day centre. Kien hemm qbil u ser tieħu ħsieb Avv. Rebecca Vella.

Cir AKL 2024/056-Vjal Kulħadd - Opportunita' biex jibda jiġi implimentat il-proġett 'slowstreets' u EMW 2024 Grants scheme.

Kien hemm diskussjoni fit-tul fuq dawn il-skemi. Kien hemm qbil li S-Segretarju Ezekuttiv tara din japplikawx għal Kunsilli Għawdxin u imbgħad naraw fuq x'jista jiġi applikat, Il-Kunsilliera Avv. Rebecca Vella ser tgħati imbgħad update fuqha lil kunsilliera wara li tiġi diskussa flimkien mas-Sindku u tapplika.

Eucharist Camilleri:

- Ħarga kulturali għall-anzjani fis-17 ta' Ottubru f'Malta

- Sejha ta' interess fil-fuljett – presepji madwar Nadur
- Tiġi diskussa fil-laqgħa tal-MGP li triq Ħanaq fija kisja waħda biss tarmak.
- Kien hemm diskussjoni fuq il-Berga peress li l-Kunsill ma irċieva xejn lura. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Avv. Rebecca Vella titkellem magħhom għal laqgħa u jekk ma nirċievu xejn lura fi zmien gimgħa jiġi infurmat il-pubbliku.
- Charter ġewwa Desbourough kien ta' suċċess. Eucharist Camilleri infurma li l-Applications qed jiġu refutati tal-adulti u taz-zgħazagħ minn naħa tal-EU. Hu ta update fuq dan. Kien hemm qbil li c-Charter isir ġewwa n-Nadur. Is-Sindku għandu jara sew fuqha qabel u fuq il-hosts.
- Kien hemm qbil ukoll li isir l-applikazzjoni tal-EU u aħna inkunu partners in-Nadur.
- Kien hemm qbil li titħallas il-flight tac-charter ta' Diċembru lil Eucharist Camilleri.

5.5 Korrispondenza

EWRW email – ma sar xejn fuq din.

Saqaf Daħlet Qorrot u Ħajt fi Sqaq Dun Karm Caruana–Fuq dawn ha ħsieb il-Community Police.

Triq tad- Duru l-parti l-ġdida – Ser niktbu lil Gvern fuqha l-parti l-ġdida.

Talba għal Triq alternattiva oħra f'San Blas – Ser niktbu lil gvern fuqha biex ikun hemm triq oħra meta tingħalaq triq San Blas.

Nissetjaw meeting ma' Lil Din l-Art Ħelwa dwar area ta' Sopu.

Talba mingħand ir-Rabokk dwar bin u Gabbana -Rigward dawn il-Kunsill ma ha l-ebda deċizzjoni fuqhom għalissa u jrid ikun hemm qbil mar-residenti fuqhom. Il-Kunsill ser jara u jitlob direzzjoni fuq dan.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Trenching- WSC – Xandriku. Il-Kunsill ser ma għandux oġġezzjoni u ser nitolbu li jsir new service it-Triq kollha.

Talba għal kollaborazzjoni mingħand Rebecca Bonello għall-Kunċert tal-Milied – Kien hemm qbil mill-Kunsilliera prezenti u ser jiġu infurmati l-Kunsilliera fuq l-ammont.

No objection ta' garanzija bankarja fi Triq Lazzru Pisani- Il-Perit mar fuq sit u l--Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex tiġi rilaxxata l-garanzija peress li l-bankini kollha mhux aċċessabbli ta' dik it-triq u t-triq baqet kif kienet.

5.6 Offerti Pubblici.

Offerta għall-Latrina Ġdida f'San Blas–Din reġgħet ħarget.

NLC/06/2024- Christmas Street Decorations Nadur- Kien hemm offerta waħda. Kien hemm qbil li l-offerta tingħata lil D Illumination Ltd bl-ammont ta' 9,900 euro (vat mhux inkluz) wara li kienet l-orħos u konformi u rakkomandata mill-board tal-Evalwazzjoni

5.7 Progetti u skemi:

SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja-Komunitajiet Aktar Siguri u Orġanizzati- ser jinbeda x-xogħol.

Skema LESA – Reġgħet ħarget l-offerta.

Toroq Rurali M4.3 – iċċertifika x-xogħolijiet l-perit u inħarġu l-paġamenti.  Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat kollox biex jinbeda l-proċess tal-ħlas. Kien hemm il-kontijiet l-oħra tax-xogħolijiet extras (li kienu ġew maqbula li jsiru f'laqgħat fil-passat) li ser jitħallsu minn naħa tal-Kunsill li ġew ċertifikati ukoll minn naħa tal-perit u approvati mill-Kunsill.

SPI/SCI/02/2024-Finanzjament-Komunijiet aktar b'saħħithom u inklussivi (għal equipment fil-playing field tal-Ħali) – Din ġiet approvata.

SPI/SCI/03/2024-  Inizjattiva Finanzjarja Lokalitajiet aktar nodfa (għall-Clean up u Riżorsi)– Din ġiet approvata u qed nixtru l-għodda.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Skema Restawr – Il-Kunsill applika għal żewġ sqaqien imma ha jikunsidraw wieħed biss li qiegħed ħdejn il-hardware store. Huma talbu xi *clarifications* u ilħaqna bgħatna kollox sad-deadline li talbu.

SPI/SCI/05/2024- Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024-2025 għall-Milied u Karnival – Dawn ġew Approvati.

EU Funds – GAGF – Rejuvination – Din ġiet applikata.

EU Funds – Twinning – Din ġiet applikata.

5.8 Attivitajiet, Inizzjattivi u Hidma Socjali:

Halloween:

Is-Sindku ta update fuq din l-attivita'. Ser tiġi applika l-iskema ma' Kultura MGOZ għal fondi fuq l-attivita'. Ser jinħareġ ir-reklam. L-Għaqda Triq il-Kappillan ser jagħmlu l-pumkin carving bl-ammont ta' 300 euro. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsill ser jgħid lil Tania Attard tagħmel tizjien.

Jum il-Kunsill:

- 3 ta' Novembru – Sports Day fil-Muzew.
- 9 ta' Novembru Ħarġa tat-tfal.
- 9 ta' Novembru l-Kunċert ta' San Koronatu.
- 10 ta' Novembru -Festa San Koronatu
- 13-17 ta' Novembru – 20 sena ċelebrazzjoni ta' Gemillaġġ bejn Nadur u Baveno ġewwa Baveno
- 21 ta' Novembru- Ħarga ta' l-anzjani
- 30 ta' Novembru – Ġieħ in-Nadur

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Sala- Ġie diskuss is-swali u xi kwotazzjonijiet izda mhux kull sala addatata minħabba l-projector etc. Kien hemm qbil li s-Sindku u l-Kunsillier Eucharist Camilleri imorru jaraw huma xi lukandi/sala u jkellmu lura lil Kunsill.

- Is-Sindku għamel suġġeriment li jingħata rikonuxament lil Saviour Xiberras tas-servizz li ta lil kunsill matul is-snin. Hu kompla jgħid li jkun xieraq li jingħata ukoll rikonuxament lil ex-Kunsilliera Josef Camilleri u Joseph Vella. Kien hemm qbil fuq dawn. Kien hemm qbil ukoll li jiġu mistidna l-Kunsill ta' Ħad Dingli.

- Volontier tal-Kunsill- Is-Sindku ppropona persuna. Dan mhux ser jitħabbar għalissa online izda hemm qbil mal-Kunsilliera fuq il-persuna. Kien hemm qbil li jitħabbar dakinhar.

- Zgħazugħ Attivi- Is-Sindku ppropona lil Arthur Portelli li jgħin fuq youth exchanges u Nadur Nadif. Il-Viċi Sindku, Kevin Curmi issekonda din il-proposta u kien hemm qbil bejn kullhadd.

- Anzjan tas-Sena- Is-Sindku ppropona lil Lina Mifsud. Eucharist Camilleri issekonda din il-proposta u kien hemm qbil bejn kullhadd.

- Ġieħ in-Nadur- Is-Sindku għamel suġġeriment biex fis-snin li gejjin dan il-Ġieħ jingħata lil ex Sindki u tkellem ukoll mal-Kunsillier li ma setax jiġi l-laqgħa, Jean Paul Portelli li jaqbel fuq din. Hu kompla jgħid li pero jekk din tigri hu ma jistax jidħol fija minħabba ħuh li kien ukoll ex-Sindku.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Is-Sindku ppropona li din is-sena il-Ġieħ toħodha l-Ex Kunsilliera u Ex MEP- Dr. Josianne Cutajar. Eucharist Camilleri issekondana din il-proposta u kien hemm qbil bejn kullhadd inkluż Jean Paul Portelli li ma setax jattendi illum.

Nadur 10K:

Is-Sindku ta update fuq din l-attivita'. Ser nagħmlu reminder lil TM fuq uffiċċjali.

Milied:

- Il-launch ser isir fis-7 ta' Diċembru u l-Event fit-13 ta' Diċembru. Is-Sindku ta update fuq l-event. Il-Presepji tal-Pjazza qed jieħu ħsieb il-Kunsillier Jean Paul Portelli. Ġew diskussi data għal Santa house biex tinfetaħ u ser naraw ma' l-Għaqda ta' Triq il-Kappillan fuq ftuħ tas-shelter.

Karnival:

- Kien hemm diskussjoni fit-tul fuq il-qisien tal-Karrijiet tal-Karnival. Kien hemm suġġerimenti minn xi Kunsilliera biex isir laqgħa mal parteċipanti, kunsill u pulizija fuq dan. Is-Sindku innota li kien hemm laqgħat fil-passat izda ma' jkunx hemm qbil minn naħa tal-parteċipanti u ġa hemm qisien li huma ragonevoli.

5.9 Materji Oħra:

24 ta' Settembru ser ikun hawn fostna s-Sindku ta' Baveno.

PR Plan Kunsill –Din ser tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Ktieb Gnien Kenuna – Daqt jitlesa.

Kien hemm qbil fuq kollaborazzjoni għal Pusses tal-Arċipriet il-ġdid.

5.10 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;

5.10.1. Rikjesti mis-Sindku Edward Said:-

Talba għal yellow lines magenb garage fi Triq San Blas.

Talba għal yellow lines fi Triq Bingemma

Talba għal żewg bankini mill-ġdid fi Triq Ħanaq

Talba għal tabelli tal-heavy vehicles tat-Targa street– Ser inkellmu lil TM.

Trasport lejn airport grupp zfin FECC – Kien hemm qbil.

Talba għal rampa biex titranga f'Wied Bingemma

Talba għal sement u kantuni f'Wied Riħan.

Talba għal stop sign fi Triq Sant Indrija u Triq Lazzru Pisani

Sement ma diversi bankini

Tindif f'diversi soft areas

5.10.2. Rikjesti mingħand il-Viċi Sindku Kevin Curmi –

Talba għal tabella għal bdiewa fin-nizla ta' San Blas u sinjali għat Triq ta' San Blas

Sinjali biex jerġgħu jsiru ta' Triq Ħanaq u Triq il-Knisja.

Yellow lines fir-rampa tal-bajja ta' Daħlet Qorrot u parking għal Muturi. Ser naraw fuq x'jista' jsir.

## KUNSILLLOKALI NADUR

Tabelli biex jitranġaw tat-tabelli tal-bus stops-TM

Mirror fi Triq Said c/w Tramuntana – Din talaba l-Kunsillier Jean Paul Portelli f'laqgħa oħra u trid tiġi r-residenta l-Kunsill titloba.

Website – tiġi diskussa l-PR f'laqgħa oħra.

Road Markings f'diversi areas- Is-Sindku innota li ga qed isiru ftit ftit.

Ħajt li qed iċeddi ta' Xhajma – Is-Sindku innota li fil-passat il-Kunsill kiteb kemm il darba fuqu lil MGOZ peress li Triq arterjali hemm.

Talba lil customer care tal-Gvern għal ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Qala biex jitranġaw.

Ta' Kenuna qed isiru il-ħitan ukoll

5.10.3. Rikjesti mingħand il-Kunsilliera Avv. Rebecca Vella

Talba għal zebgħa tal-bankijiet fi Triq Bingemma u l-pot imkisra. Dawn ix-xogħolijiet inbdew.

Bozzoz ser tibgħat staff fuqhom

Talba biex titħarrek bus stop fi Triq il-Knisja. Is-Sindku u Eucharist Camilleri infurmaw li fil-passat kien hemm resident li mar hu dirett TM biex titpoġġa stage hemm u saret minn naħa ta' TM. Il-Kunsill ta' dakinhar kien kontra din id-deċizzjoni. Il-Kunsilliera Avv Rebecca Vella ser tibgħat lil TM fuq din tistaqsi fuqha.

5.10.3. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Eucharist Camilleri-

Talba għal qtugħ ta'sigra Triq ta' Ħida.

Talba għal tindif ta' culvert u jekk possibli jsir sement permanenti Triq tad-Duru.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILLLOKALI NADUR

**5.11 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fis-9:30p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva